StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2009**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| IT-TIENI SENA | RELIĠJON | ĦIN: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________ **Klassi:** _______________

**Taqsima A** **(20 marka)**

Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.

1. Semmi żewġ gruppi li kien hemm fil-Palestina fi żmien Ġesù, li ma kinux jaqblu bejniethom.

_______________________________________________

_______________________________________________

2. X'nitgħallmu mir-rakkont tat-Torri ta' Babel?

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Min kien l-ewwel pagan li tgħammed minn San Pietru?

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Għaliex fl-ewwel żminijiet tal-Knisja nħass il-bżonn li jagħżlu d-djakni?

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Għaliex il-Knisja ta' Ġesù hi knisja 'Kattolika'?

_______________________________________________

_______________________________________________

6. Semmi żewġ ħidmiet importanti li jagħmlu s-saċerdoti fil-Knisja?

_______________________________________________

_______________________________________________

7. Liema sagrament irċieva s-saċerdot biex iwettaq ix-xogħol tiegħu?

_______________________________________________

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8. Liema ħidmiet importanti baqgħu magħrufa għalihom San Ġorġ Pre[...] Mons. Mikiel Azzopardi?

______________________________________________

______________________________________________

9. Min huma l-erwieħ tal-purgatorju?

______________________________________________

______________________________________________

10. Bħala Nsara, kif għandna niċċelebraw il-festi titulari?

______________________________________________

______________________________________________

**<u>Taqsima B</u>** **(10 marki)**

<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar 'L-Atti tal-Appostli.'</u>

1. F'liema taqsima tal-Bibbja nsibu dan il-ktieb? Aqta' sinjal taħt it-tajba. (Fit-Testment il-Qadim, fit-Testment il-Ġdid).

2. Min kiteb dan il-ktieb? ______________________

3. Liema żewġ appostli l-aktar jissemmew f'dan il-ktieb?

______________________________________________

4. Liema ġrajja importanti għalina l-Maltin jirrakkonta dan il-ktieb?

______________________________________________

5. Meta niċċelebraw din il-ġrajja? ______________________

6. F'dan il-ktieb nitgħallmu kif kienu jgħixu l-ewwel Insara. Semmi żewġ eżempji.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima Ċ** **(20 ma**

‘Il-Quddiesa: Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Għaqda.’

Wieġeb f’liema parti tal-quddiesa:

1. nitolbu maħfra lil Alla ta’ dnubietna?______________________________
2. nfaħħru ’l Alla b’innu ta’ tifħir?___________________________________
3. nisimgħu l-qari tal-kelma t’Alla?___________________________________
4. is-saċerdot jispjega l-messaġġ li jrid iwasslilna Alla fil-qari?

_________________________________________________________________

5. nistqarru l-fidi tagħna?____________________________________________
6. nressqu l-ħtiġijiet tagħna u tal-proxxmu tagħna quddiem Alla?

_____________________________________________________________

7. il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta’ Ġesù?

_____________________________________________________________

8. ngħidu t-talba li għallimna Ġesù? __________________________________
9. nsaħħu l-għaqda ta’ bejnietna? ____________________________________
10. nirċievu l-ġisem u d-demm ta’ Ġesù ġo fina? _________________________

**Taqsima D** **(10 marki)**

Fisser dawn is-siltiet mill-Bibbja.

1. ‘Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema.’ *(Lq 5, 32)*

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*2.* ‘Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b’ilsna oħra, skont l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.’ *(Atti 2, 4)*

3. ‘Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn, għax kull min kellu oqsma jew djar kien ibiegħhom u l-flus li jdaħħlu minnhom kien imur iqiegħedhom f’riġlejn l-Appostli. Imbagħad kien jitqassam kollox skont il-ħtieġa ta’ kull wieħed.’ *(Atti 4, 34-35)*

4. ‘Kull ma għamiltu ma’ wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.’ *(Matt 25, 40)*

5. ‘Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom.’ *(Ġw 13, 35)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima E** **(20 marka)**

Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Il-fidi tal-mara Sirofeniċja

Minn hemmhekk telaq u mar fl-inħawi tal-belt ta' Tir. Daħal joqgħod f'dar u ried li ħadd ma jsir jaf. Iżda ma setax ikun li jinħeba, għax malajr semgħet bih waħda mara li kellha lil bintha maħkuma minn spirtu ħażin, u marret tinxteħet f'riġlejh. Issa din il-mara kienet Griega, Sirofeniċja min-nisel tagħha. Bdiet, mela, titolbu biex ikeċċi x-xitan minn ġo bintha.

U hu qalilha: "L-ewwel ħa jixbgħu l-ulied, għax mhux sew li tieħu l-ħobż tal-ulied u tixħtu lill-ġriewi."

Iżda hi weġbitu u qaltlu: "Hekk hu, Mulej; imma taħt il-mejda l-ġriewi wkoll jieklu l-frak mill-ħobż tat-tfal."

Imbagħad qalilha: "Għal din il-kelma li għedt, mur; ix-xitan ħareġ minn bintek." U x'ħin marret id-dar, sabet it-tifla mimduda, u x-xitan kien ħareġ minnha.

*(Mark 7, 24-30)*

1. Min kiteb l-Evanġelju li minnu hi meħuda din is-silta?

   ______________________________________________

2. Fejn seħħet din il-ġrajja?

   ______________________________________________

3. Ta' liema nisel kienet il-mara li kellmet lil Ġesù?

   ______________________________________________

4. X'kellha bint din il-mara?

   ______________________________________________

5. X'riedet din il-mara mingħand Ġesù?

   ______________________________________________

6. Għaliex Ġesù ħa pjaċir bit-tweġiba tal-mara? ______________________

7. X'sabet din il-mara meta marret id-dar?

   ______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8. B'dan il-miraklu Ġesù wera li għandu setgħa fuq (in-natura, ix-xita[...] mard).
9. Ried juri ukoll li Hu ġie (għal-Lhud biss, għan-nies tad-dinja kollha).
10. Kif tista' int tgħin lil min mhux ta' nisel Malti bħalek?

______________________________

______________________________

______________________________

**Taqsima F**

Agħżel WAĦDA minn dawn iż-żewġ parabboli u wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwarha. **(20 marka)**

1a. Irrakkonta l-parabbola tal-qaddej li ma riedx jaħfer.
b. X'ried jgħallem Ġesù b'din il-parabbola?
ċ. Liema parti mit-talba tal-'Missierna' turi preċiż dak li ried jgħallem Ġesù b'din il-parabbola?

**JEW**

2a. Irrakkonta l-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb.
b. Għaliex il-Lhud u s-Samaritani ta' żmien Ġesù kienu mifrudin bejniethom?
ċ. X'ried jgħallem Ġesù b'din il-parabbola dwar l-imġiba tagħna lejn nies minn pajjiżi oħra jew lejn min għandu fehmiet u drawwiet differenti minn tagħna?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

TMIEM IL-KARTA

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers